# FIL-QORTI CIVILI

**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 337/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar is-26 ta' Mejju, 1989, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwig hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;
2. Illi l-esponenti sseparat *de jure* mal-intimat permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Adriana Vella datat 14 ta' Marzu, 2012, liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dokument B;

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom hamest itfal u cioe' C li huwa maggorenni, D li hija maggorenni, E li hija maggorenni, filwaqt li zewgt itfal minuri F u G;
4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separate mis-sena 2012 u ghalhekk ilhom separati u ma jghixux flimkien ghal aktar minn erba' snin matul l-ahhar hames snin precedent dan l-umli rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Illi dwar mantenimentkemm ghall-esponenti u ghall-bzonnijiet tal-ulied minuri, l-esponenti tiddikjara illi a tenur tal-Artikolu 5 tal-istess kuntratt il-partijiet ftehmu illi l-intimat ihallas "….s-somma ta' hamsin euro (€50) kull gimgha, bhala manteniment in kwantu ghas-somma ta' hamsa u erbghin Euro (€45) ghall-imsemmija ulied minuri filwaqt illi in kwantu ghal hames Euro (€5) manteniment ghall-mara."
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtieg ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. Illi l-esponenti tixtieq illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Gauci.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:-

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghalhekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2018 deher l-intimat u ma opponix ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom sseparati legalment ghal aktar minn erba' snin, skond kuntratt ta' separazzjoni tal-4 ta' Marzu, 2012, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Adriana Vella.

Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16tal-Ligijiet ta' Maltau tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xaharmillum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**